MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 114/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Cordina)**
**Vs**
**Daniel-Victor Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli

Fit-3 ta’ April, 2003 fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, bil-hsieb ta’ estorsjoni jew li taghmel hsara lil Emanuel Borg, akkuza quddiem awtorita` kompetenti b’reat suggett ghal piena ta’ aktar minn sentejn, filwaqt li kien jaf li dik il-persuna kienet innocenti.

Fl-istess cirkostanzi, bil-qerq, halaq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun

tista` tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.
Fl-istess cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' Marzu, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 42 u 101(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu tlettax-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) u ddikjarat lill-appellant mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
Il-Qorti fissret bi kliem car lill-appellant l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-15 ta' Marzu, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni thassar, tirrevoka u tikkancella l-istess sentenza f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi b'mod pero` li tali apprezzament wassal ukoll ghall-enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi.

Illi f'dan ir-rigward jinghad fl-ewwel lok li dan ir-rapport sar minn Jesmond Vella u mhux mill-appellant. Jinghad ukoll

li dan ir-rapport sar fuq premessa ta’ falsifikazzjoni ta’ firma li rrizultat li sehhet tabilhaqq.

Illi inoltre ma jirrizultax kif u fejn il-participazzjoni tal-appellant f’dan ir-rapport rrizultat.

Illi jigi rilevat ukoll f’dan l-istadju li r-reat ravvizat fl-artikolu 101 ma jistax jirrizulta bil-mod kif ghamlet l-apprezzament tal-provi l-Ewwel Qorti.

Illi lanqas ma jirrizulta in pessima ipotesi x’kien ir-reat flaz li suppost l-appellant akkuza lil Emanuel Borg bih.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidu nett illi l-appellant mhuwiex qieghed jilmenta mill-kunsiderazzjonijiet legali li ghamlet l-ewwel Qorti izda biss minn kunsiderazzjonijiet fattwali fejn deherlu illi ma kienux irrizultaw provi bizzejjed sabiex tinstab htija kif sabet l-ewwel Qorti. Irrizulta mill-provi li fit-3 ta’ April 2003, l-appellant u certa Jesmond Vella kienu ghamlu rapport lil allura Spettur Joseph Cordina li f’Settembru tas-sena ta’ qabel Jesmond Vella kien xtara vettura bin-numru tar-registrazzjoni JPC 904 minn ghand certu Noel Borg ghas-somma ta’ 5,300 Lira u Jesmond Vella kien hallas dan l-ammont in kontanti.

Jesmond Vella rraporta lill-Ispettur Cordina illi sussegwentement skopra li l-vettura li originarjament kienet giet trasferita f’ismu regghet giet maqluba f’isem iz-zija ta’ Noel Borg u dan billi ntuzat firma falza ta’ Jesmond Vela u minghar ma l-istess Jesmond Vella kien a konoxxenza ta’ dan il-fatt. Vella sostna illi ghalhekk hu gie defrodat mis-somma ta’ 5,300 Lira minn Noel Borg u ma kellu xejn x’jidher f’ismu u lanqas kellu l-pussess ta’ l-imsemmija vettura. Sussegwentement minn aktar investigazzjonijiet li ghamlet il-Pulizija rrizulta li filwaqt illi kien minnu illi kien sar it-transfer tal-vettura billi ntuzat firma falza ta’ Jesmond Vella ma kienx minnu illi Vella hallas l-ammont ta’ 5,300 Lira lil Noel Borg. Irrizulta wkoll illi l-imputat kellu jiehu xi flus minn ghand Noel Borg u kien ghalhekk kien mar jaghmel ir-rapport flimkien ma

Jesmond Vella sabiex jipprova jgieghel lil Borg jaghtieh il-flus.

B'Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-3 ta' April, 2010 l-appellant kien gie misjub hati ta' l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu u kkundannat ghal 13 –il xahar prigunerija sospizi ghall-perjodu ta' sentejn u gie ddikjarat mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza u lliberatu minnhom.

Ikkunsidrat:

Fl-appell tieghu l-appellant qieghed jilmenta illi nghataw zewg verzjonijiet pero' l-konkluzjoni ma tiddependix minn liema minn dawn il-verzjonijiet titwemmen. Huwa veru illi l-appellant akkumpanja lil Jesmond Vella l-ghassa tal-pulizija fejn Jesmond Vella ghamel il-rapport tat-trasferiment falz. L-unika ntervent tieghukien illi akkumpanja lil dana Jesmond Vella, pero' ma dan kollu l-ewwel Qorti sabitu hati ta' komplicita. Ma dan kollu ma giex ippruvat l-involviment tieghu f'din il-vigenda, bhalma lanqas gie esebit ir-rapport illi qed jigi allegat illi kien falz. Jesmond Vella ta x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u implika lill-appellant biss illi akkumpanjah l-ghassa. Meta Vella jitkellem dwar ir-reat jitkellem fis-singular, huwa qatt ma implika lill-appellant.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett il-Qorti ma taqbilx ma dan l-argument. Veru illi r-rapport ghamluh it-tnejn flimkien, l-appellant u Jesmond Vella, u ma hemmx dubbju illi l-apellant kien jaf illi parti minn dak ir-rapport kien falz. Fil-fatt fix-xhieda ta' Jesmond Vella hemm zewg verzjonijiet: a fol 34 jghid illi ma jahsibx illi l-appellant kien jaf illi ma hallasx flus ghall-van, pero' aktar tard fl-istess xhieda a fol 35 jghid car u tond illi l-appellant kien jaf. Il-kliem testwali ta' Jesmond Vella huwa dan: "Nghid illi ghalkemm ftit tal-hin ilu ghidt illi ma nafx jekk l-imputat kien jaf illi ma hrigtx 5,000 Lira ghall-van issa nghid illi huwa kien jaf li ma kontx hrigt flus ghal van u dana nghidu wkoll ghaliex huwa kien jaf ir-raguni ghala l-van kien registrat fuqi. Jiena naf illi l-van kien irregistrat fuq ismi ghaliex Noel Borg kellu xi problemi

mal-Qorti . . .” Din id-divergenza giet notata mill-ewwel Qorti u ghamlet il-kummenti taghha fis-Sentenza fejn emmnet it-tieni parti wara li kellha l-opportunita tisma lill-istess Vella jixhed viva voce u osservat il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhud u waslet ghall-konkluzjoni illi ma kellha l-ebda dubju li din it-tieni verzjoni kient ferm aktar kredibbli u ghalhekk ma kelliex dubju illi fil-fatt Vella u l-imputat kienu komplici meta ghamlu r-rapport in dizamina.

Ikkunsidrat:

Minkejja illi quddiem l-ewwel Qroti jidher li kien hemm konflitt fil-verzjoni moghtija minn Jesmond Vella, kienet libera illi taghzel verzjoni jew ohra wara li taghmel l-evulutazzjonijiet taghha. Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija vs Joseph Thorn Appell Krimiali, 9 ta’ Lulju, 2003 il-Qorti qalet, “ . . . mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt ta’ provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji ennuncjati fl-Artiklu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzoni dwar lil min trid temmen u f’xiex ser temmen jew ma temminx.” (Ara wkoll Ir-Republika ta’ Malta vs Dennis Pndolfino et 19 ta’ Ottubru, 2006).
Dan huwa propju dak illi ghamlet l-ewwel Qorti fejn uzat il-kriterji ennuncjati fl-Artiklu fuq imsemmi 637 tal-Kap 9 biex waslet ghall-konkluzjoni illi kellha temmen it-tieni verzjoni ta’ Joseph Vella u mhux dik ta’ l-ewwel. Din il-Qorti bhala Qorti ta’ l-Appell hija riluttanti hafna illi tindhal fl-apprezzament tal-Qorti tal-Magistrati, dana ‘l ghaliex din il-Qorti ma jkollhiex il-vantagg illi tara u tisma x-xhieda u trid tikkonsidra l-valutazzjonijiet taghha fuq id-dokumenti tal-Process. Kien ghalhekk illi fil-kazwa fl-ismijiet Republika ta’ Malta vs Ivan Sant, Appell Kriminali 1 ta’ Dicembru, 1994 il-Qorti ta’ l-Appell qalet: “Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun ibbazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anke jekk ikun hemm verzjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghet liberalment u serenament tigi emmnuta minghar ma jigi vjolat il-principju li d-dubju

ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta u evidentiment giet emmnuta . . . il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-deskrizzjoni u dak l-apprezzament.”

Dan ifisser quindi illi l-Qorti ta’ l-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament approfondit taghha u waslet ghall-konkluzjoni illi l-ewwel Qorti kienet ragonevoli u legali fil-konkluzjonijiet taghha. Ghal dak li jirrigwardja l-aspett legali ta’ din il-kawza diga inghad illi dana mhuwiex mess in diskussjoni. L-ewwel Qorti ghamlet apprezzament approfondit fejn ikkwotat mhux biss il-Ligi imma anki l-gurisprudenza in materja u din il-Qorti m’ghandha xejn xi zzid ma dak illi qalet l-ewwel Qorti.

Ghal dak li jirrigwardja l-piena, l-principju regulatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-deskrizzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-paremetri tal-Ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li fil-fatt kienet (ara Republika kontra David Vella 14 ta’ Gunju, 1999). Fil-fatt il-piena nflitta tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi varjata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------